# IL-GIDBA

(*Meħud mill-Konkors tal-*Essays *imniedi minn "Leħen il-Malti"*)

Qarrej, qatt għedt xi gidba f'ħajtek? Tweġibx malajr! La tigdiblix!

Għax jekk tgħidli li qatt ma żerżaqt xi kelma b'oħra, ma nagħmlu xejn. Ma nemmnekx u naqbdek fil-kelma: għaliex il-gideb għomru qasir. Ma fiha xejn li tistqarr li mhux dejjem għedt is-sewwa. U b'hekk ma tkunx qiegħed iżżid kelma b'oħra ma' dawk kollha li għedt. B'hekk, għall-anqas diddarba, tkun qiegħed tgħid is-sewwa. Mela xi gidba żgħira (irrid naħseb li għall-bżonn u għaldaqshekk, kif hawn min igħid, mhix dnub) għedtha inti wkoll.

Wara kollox ma inix l-imħallef, u jekk ma taħlifx u tgħid is-sewwa u xejn anqas mis-sewwa, ma għandi l-ebda jedd inniżżlek isfel. U lanqas ma jien il-konfessur u għalhekk ma inix sa nbeżbżek u nagħtik xi tewba iebsa.

Iżda jekk twebbes rasek u tgħid li qatt ma gdibt, tista' ma taqrax li ġej: għax, jaħasra, ma naqblux żgur.

Il-fehma tiegħi li kullħadd bħal Pilatu. Min wisq, min inqas, iżda kullħadd fid-dinja xi darba jew oħra dawwar xi kliem, naqqas jew żied minnu, żejnu bix-xniexel u ċ-ċoffi, biddlu, għarrqu, ħażżnu, ħassru u ħoloq il-kelma b'oħra.

Il-gidba għomorha qasir. Jiġifieri titwieled, titrabba, tgħix u tmut malajr. Iżda l-gidba ħajjitha twila. Kienet minn dejjem u tibqa' dejjem. Tmut waħda u jitwieldu tewmin. Tmut waħda żgħira u titwieled oħra agħar minnha, ikrah minnha, li tagħmel iżjed ħsara—jew, għaliex le?, xi drabi xi naqra tal-ġid.

Il-gideb mhux dejjem ta' ħsara. Jew aħjar, xi drabi l-gidba hija ta' ġid għal min igħidha u ta' ħsara għal min jismagħha. Biss min igħidha jrid ikun jaf iżewwaqha u jbellagħha; inkella jiġrilu li l-gidba tiegħu nnifsu ddur kontrih stess u bla ma jrid jitfa' l-ġebla fuq saqajh.

Kemm hawn min jigdeb! Illum imbagħad m'għadhomx in-nisa biss li jigbdu. Kullħadd jafha 'l dik l-omm li meta jistaqsuha kemm għandha żmien kienet twieġeb li hi iċken minn bintha! U ma kontx taqbadha minn wiċċha għax ma kinitx tista' tiħmar iżjed miż-żebgħa li ċċappas miegħu! Le, illum m'humiex in-nisa l-iktar li jigdbu. Ukoll f'dan l-irġiel għelbuhom u ħadulhom iċ-*championship* M'hemmx għalfejn insemmu lil Dr. Goebbels u l-oħrajn kollha bħalu li (b'gidba)

jissejħu ministri tal-propaganda u li l-mottu tagħhom, forsi għax jaħsbu li ftit hawn min jifhem bil-*latinorum*, huwa xi ħaġa bħal *Pro Veritate*.

Isimgħu r-radju, l-aktar fi żmien il-gwerra, tegħmuh tajjeb dak li tisimgħu, u għiduli jekk hux vanġelu!

Biex tigdeb mingħajr ma tinqabad ma tridx tkun baħnan. Għalhekk il-gideb fih is sengħa. Trid tkun taf toħloq il-gidba, tagħtiha l-ħajja, trabbiha bil-għaqal, tkabbarha, tħaxxinha, tmexxiha, u tgħaddiha bħala kelma minnha, frażi vera, ħaġa bnina li ma tidħakx bik. Trid tkun taf tagħmlilha *camouflage* hekk tajjeb li ħadd ma jintebaħ li hija gidba.

Pilatu ċaħad 'il Kristu billi qal li ma jafux. Pilatu ma kien jara xejn ħażin filli wieħed għax jibża' għal ġildu, ma jgħidx is-sewwa. Pilatu, bħal Dun Abbondju tal-Manzoni, ma kienx imwieled b'qalb ta' ljun. Pilatu ma kienx raġel.

U biex naqbżu għar-radju. Il-gideb li jsir minn fuq ir-radju, dak sewwa jew ħażin? Sewwa u mhux. Sewwa għal dak li jaqilgħu għax dak xogħlu li jġiegħel lill-għadu jaħseb kif iridu hu. Ħazin għal min jisimgħu li jkun qiegħed ifittex li jilgħab man-nar. Għax isma' llum u isma ' għada, xi ħaġa sa fl-aħħar tiblagħha. Għalhekk dak il-gideb tar-radju jista' jinqered. Il-ħsara li jagħmel hu tista' ma ssirx. U kif? Ħaġa żgħira. Għandek radju? Zommu magħluq. Jew, tiftaħlux fuq stazzjonijiet fejn taf li jingħad gideb li l-ħsieb tiegħu hu dak li jaqtagħlek qalbek.

Il-pastas aqtagħlu biċċa minn djulek. Il-marid ħallih jitqalleb. U l-giddieb ħallih jitħambaq. Wara kollox, ħanqa ta' ħmar qatt ma telgħet is-sema. Ħallih igħid waħdu bħalleħen fid-deżert.

Kelma b'oħra mbagħad tista' xi drabi, kif għedna qabel, tkun ta' ġid. X'jiswa li tagħti malajr u f'daqqa waħda l-aħbar kiefra li iben it-talija ħalla ħajtu fil-gwerra Lixandra jew ħtaħt karrozza fi New York? Jekk taf li dik l-imsejkna omm qalbha maħsusa u bxara bħal din aktarx li tibgħat lilha wkoll id-dinja l-oħra x'jiswa li tgħidilha meta tista' taħbilha? La darba tista tħalliha tittama, għaliex ma tħallihiex? *Spes ultima dea* la ġiet għal-Latin, u għalhekk lil dik l-imsejkna omm għidilha li binha għadu ħaj, qawwi u sħiħ.

U x'kont sa ngħid ukoll—mhix gidba. Il-għira. Il-għira, kif jaf kullħadd, iġġigħelek tagħmel kollox. Hawn min qatel minħabba fiha. Aħseb u ara kemm hawn min jigdeb. Bniedem għax għaref, għax laħaq jew xortih tajba, iġibilna għira. U mela għid fuqu, dallam il-għamil tiegħu, sewwed il-ħidma

tiegħu, kerrah dak kollu li huwa għandu u fik jonqos, aħqarlu xogħlu, maqdru—igdeb, fi ftit kliem, igdeb fuqu kemm tiflaħ. Int x'tieħu? Tiġbed fuqek il-korla t'Alla. Sewwa qal Shakespeare: *He that pilfers from me my good name, robs me of that which not enriches him and makes me poor indeed.*

Il-kliem b'ieħor ikraħ. Neħħi xi drabi 'l hawn u 'l hemm bħal fil-każ ta' l-omm marida li jmutilha binha, il-gideb m'għandux ikun. Il-gideb ma jġibx ħlief ġlied u għelt, ħsara u deni. Għalhekk min ilsienu twil jaqta' biċċa minnu. Għalhekk min iħobb ilablab fejn ma jinħtieġx, aħjar jagħlaq ħalqu. U min jaf li qiegħed jisma' dak li mhux għal kollox minnu, aħjar isodd widnejh it-tnejn jew jekk għandu l-ħila, iċanfar bla biża' lill-giddieb.

Li ma kienx il-gideb, kemm anqas ħażen fid-dinja! Kemm anqas ħala ta' kliem żejjed!

Għalhekk jien qatt ma nigdeb meta nitkellem. Iżda, nistqarru b'wiċċi minn quddiem, mhux dejjem li nikteb huwa minnu. Għaliex fil-kitba ma tistax tonqos li żżid għax inkella żżid li tonqos. Ma tistax ma żżejjinx xi ftit għax inkella tidher ikrah. U l-ikrah, ukoll fil-kitba, ma jintgħoġobx. Mhix gidba.

Il-gideb mhux bil-kliem biss isir. Ħares lejn tfajla li mallemħa tal-għajn taqtagħha oħt Venere. X'wiċċ aħmar pepprina! X'xofftejn qrolla! X'għajnejn suwed! X'xagħar imġiegħed! Xi snien bojod! Kif titilfek mid-dinja! Xi ġmiel tabilħaqq!

Iżd'ersaq aktar lejha. Ħares lejha tajjeb. Ara wiċċha sewwa. Għajnejha biż-żebgħa, ħaddejha kollha lwien, xagħarha magħmul għand Galea, xofftejha bir-*rouge* u, jekk tbusha, ara li ma tiblax xi sinna, għax tlieta minnhom foloz! Dik gidba ħoxna! Gidba bla kliem! Flok qiegħed tisma' kelma b'oħra, qiegħed tara wiċċ b'ieħor. Dak il-kulur fuq ħaddejha tassew li gidba fil-wiċċ! Giddibin in-nisa, ma jistax jonqos.

Fl-aħħar mill-aħħar mhux kulma jlellex u jiddi huwa deheb. Li wieħed jilbes kif jixraq, ħaġa sabiħa. Li wieħed jilbes qisu xi miljunarju meta, imsejken, kemm kemm ikollu biex jaħraq sigarrett Boxsa—mela, dik gidba oħra. Għalfejn turi ħaġa b'oħra? Għalfejn iġġiegħel min jaħsbek xi ħaġa kbira meta taf li għada pitgħada, jekk jistaqsu għalik, kulħadd ikun jaf min int, x'int, sa fejn tista' tasal. *Cucullus non facit monacum.*

La tindaħalx fejn ma jesakx. Jekk ma tafx l-affarijiet sewwa, agħlaq ħalqek. Il-gideb li jista' jġib ħsara m'għandux ikun. U kif tkun taf tagħżel il-gideb li jġib id-deni minn

dak li ma jagħmel xejn? Mela, intenni, la tigdebx. U dana nsibuh fil-kmandamenti stess. U min jimxi skond il-kmandamenti ma jibdilux.

Din żgur mhix gidba.

(VERAX)

A. M. CASSOLA.